MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Numru. 488/2007

Il- Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)
u
(Spettur Jason Agius)

-vs-

Amadeo Gusman

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Amadeo Gusman ta' 45 sena, bin Joseph u Josephine nee' Benedetti, imwieled Pieta' fid-9 ta' Dicembru, 1961, residenti f'37, Triq Hookham Frere, Gwardamangia, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 766061 (M).

Akkuzat talli:

Bejn it-12 ta’ Awissu, 2006 u t-23 ta’ Settembru, 2006, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta’ Tania Griscti, sidt il-banka tal-lottu numru 103015.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat ix-xhieda ta’l-Ispettur Angelo Gafa u l-parte leza Tania Griscti.

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f’l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti, u cioe dik tas-17 ta’ Settembru 2007, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat in-natura tar-reati kommessi, l-ammont appropjat mill-imputat, kif ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta tieghu.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputat, qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri, hallas lill-parte leza s-somma ta' elf hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm1527).

Illi dwar l-ammont dovut lilha l-parte leza tallega li dan kien jeccedi l-elf hames mija sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm1527) b'erbgha mitt lira (Lm400) u li waqt li kienu ghaddejjin l-investigazzjonijiet hija kienet ikkomunikat mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tilmenta dwar dan il-fatt.

Illi jirrizulta mill-atti li fil-waqt li fil-bidu ta'l-investigazzjonijiet taghhom l-Pulizija kien qed jirrizultalhom qligh a vantagg ta' l-imputat f'l-ammont ta' elf mija hamsa u hamsin lira Maltija (Lm1155) eventwalment u minn investigazzjonijet ulterjuri rrizulta qligh iehor f'l-ammont ta' tlett mija tnejn u sebghin lira Maltija (Lm372).

Illi mid-dokumenti li kellhom f'idejhom il-Pulizija (esebieti f'dawn l-atti), kif ukoll mix-xhieda ta'l-Ispettur Angelo Gafa' jirrizulta 'l hemm minn kull dubbju li l-imputat ghamel qligh ta' elf hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm1527). Min-naha l-ohra l-allegazzjoni tal-parte leza li ghad hemm diskrepanza ta' erba' mitt lira m'hiex sostanzjata b'l-ebda mod. Il-parte leza tikkonferma li hi ma kellhiex rendikont komplet ta' l-attivitajiet kummercjali taghha u li dawk id-dokumenti li kellha hija taghthom lill-pulizija. Minn dawn pero' jirrizulta biss l-ammont ta' elf hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm1527).

Illi ghalhekk ma jidhirx li hemm xi ammont ulterjuri li din l-Qorti ghandha tobbliga lill-imputat ihallas lill-parte leza, li fi kwalunwe kaz u ai fini ta' proceduri kriminali, hafret lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 kif ukoll l-artikolu 337(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum.
`

Il-Qorti spejgat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------